MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru. 643/2010

**PULIZIJA**
**Spettur Therese Sciberras**

**VS**

**Carmela Cini nee Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmela Cini nee Camilleri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 139071 (M).

**Akkuzat talli:**

1. F’dawn il-gzejjer u cioe’ f’ San Pawl il-Bahar bejn it-30 ta’ Mejju, 2009 u l-1 ta’ Gunju, 2009 f’xi hin ikkomettejt serq liema serq huwa ta’ valur aktar minn 1165 ewro (Lm500) ghad-detriment ta’ Cikku Enriquez, liema serq huwaq ikwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

2. f’dawn il-gzejjer u cioe’ f’ San Pawl il-Bahar bejn is-17 ta’ April, 2010 u t-18 ta’ April, 2010 f’xi hin ikkomettejt serq liema serq huwa ta’ valur aktar minn 233 ewro (Lm100) ghad-detriment ta’ Giovanna Rapinett liema serq huwa ikwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

3. f’dawn il-gzejjer bejn is-17 ta’ April, 2010 u t-18 ta’ April, 2010 kellek fil-pussess tieghek hwejjeg misruqa minghajr ma stghajt taghti kont sodisfacenti ta’ kif kienu gew legitimament ghandek;

4. sirt recediva b’diversi sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5. u dan ai termini tal-Artikolu 261, 263, 267, 268, 334 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat u ezaminat id-dokumenti kollha esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Semghet it-trattazzjoni;

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 268, 334 u 50 tal-Kapitolu 9.

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rigwardanti l-piena, dina l-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba` (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------